14 ta' Marzu, 1949

Imħallef :

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Il-Pulizija *versus* Carmelo Zammit

**Falza Testimonjanza — Dannu.**

*Għalkemm, biex il-falz bin-negazzjoni tal-veru, jew bir-reticenza, jista' jiġi imputat bħala delitt, hemm bżonn id-dannu, b'din il-kelma "dannu" wieħed ma għandux jifhem id-dannu privat, imma l-offiża għad-dritt pubbliku, konsistenti fid-disprezz tal-ġustizzja dimostrat u kommess minn min jixhed il-falz.*

B'sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta tal-25 ta' Jannar 1949. l-imsemmi Zammit ġie misjub ħati ta' xhieda falza, iżda ġie lilu konċess il-beneficċju ta' l-art. 23 Kap. 12, għad li ġiet ordnata l-interdizzjoni tiegħu b'mod ġenerali għal żmien ħames snin;

L-imputat appella minn din id-dikjarazzjoni ta' reità;

Trattat dan l-appell, din il-Qorti kkunsidrat;

Fl-10 ta' Ottubru 1948 il-Maġistrat Dr. Giorgio Camilleri żamm aċċess f'kantina Ħal Qormi, li kienet l-istabbiliment ta' mastrudaxxa ta' l-imputat, in segwitu għal ħruq li kien sar matul-lejl;

F'dan l-aċċess ta x-xhieda tiegħu l-imsemmi Zammit (l-appellant odjern); u, fost affarijiet oħra, qal li hu ma għandu ebda dejn. L-affermazzjoni tiegħu hi debitament traskritta fol. 18 tergo, u hi din :— "Jiena ma għandi ebda dejn". Din ix-xhieda tiegħu ġiet mogħtija taħt ġurament lilu debitament amministrat, u ġiet lilu moqrija qabel ma ġiet awtentikata bil-firma tal-Maġistrat. Dwar daqshekk ma hemmx kontestazzjoni;

Mill-provi miġbura f'dan il-proċess ta' imputazzjoni ta' xhieda falza, deher li fil-fatt l-imputat kellu dejn, meta xehed, f'somma mhux indifferenti lejn kredituri diversi;

L-imputat ipprova jiġġustifika l-asserzjoni tiegħu b'żewġ pretesti : wieħed, li peress li hu kellu anki xi krediti, għalhekk fil-fatt, ġa ladarba dawn kienu jissuperaw id-debiti, għalhekk dejn ma kellux; u t-tieni illi l-mara tiegħu kienet tmexxi n-negozju u kienet għalhekk aktar infurmata;

Hu ċar li l-ewwel pretest ma jistax ireġġi; għaliex l-asserzjoni "ma għandi ebda dejn" timporta li ma kien hemm ħadd

li kellu jieħu minn għand l-imputat, indipendentement minn dak li seta' kellu jieħu l-istess imputat minn għand ħadd ieħor;

Hu ugwalment ċar li t-tieni pretest hu anki futili; għaliex ix-xhieda ta' l-imputat hi sufficjentement dettaljata biex turi li hu kien infurmat biżżejjed;

Ġie rilevat mid-difiża li bid-dikjarazzjoni tiegħu l-imputat ma għamelx ħsara;

Għal dina l-eċċezzjoni jiġi osservat mill-Qorti illi, għalkemm biex il-falz, bin-negazzjoni tal-veru jew bir-reticenza, jista' jiġi imputat bħala delitt hemm bżonn id-dannu, b'din il-kelma "dannu" wieħed ma għandux jifhem id-dannu privat, imma l-offiża għad-dritt publiku, konsistenti fid-disprezz tal-gustizzja, dimostrat u kommess minn min jixhed il-falz (ara Innamorati, "Sui delitti contro l'amministrazione della giustizia"). Ix-xhieda falza, kif josserva opportunament il-Crivellari, "comprende in sè medesima l'estremo del danno" (Cod. Penale Interpret. art. 214). U l-Lucchini, fil-monografija "Del criterio per determinare la pena del falso testimonio nel giudizio penale" (Rivista Penale, Vol. X, pag. 494), jgħid gudizzjożament illi "il soggetto passivo del reato di falsa testimonianza non è l'accusato, non è la società considerata nelle sue esigenze di repressione del delinquente, ma la società in quanto è attaccata nel suo diritto di amministrare giustizia, nella sua fede pubblica giudiziaria";

Is-sentenza appellata għalhekk hi sewwa, u l-appell jiġi miċħud.